ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# Minuti tal-27 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

Is-sebgħa u għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tlieta, 22 ta' Mejju, 2012.

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista u l-membri s-Sinjuri Mario Bartolo u Joseph Agius.

Il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u s-Sur Luciano Farrugia kienu skużati.

Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-26 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Debattista.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Ma kienx hemm mistoqsijiet u affarijiet oħra mill-Minuti.

Item 4 – Korrisponenza

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Ivan Pierre Vella dwar ir-rotta numru 94 li ser tibda tidħol f'St Peter's u tmur għal Belt. Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sinjura Debattista, il-Kumitat qabel unanimament li jibgħat ittra lir-residenti ta' St Peter's biex jinfurmahom illi minn nhar il-Ħadd, 27 ta' Mejju 2012 ser jibda jingħata dan is-servizz. Is-Sinjura Debattista espremiet ix-xewqa li l-kumpanija l-Arriva tikkunsidra li l-karozza tal-linja bir-rotta 120 tibda tidħol St Peter's biex b'hekk din tkun tista tintuza minn nies li jkunu jridu morru l-isptar kif ukoll minn studenti universitarji.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kumitat Amministrattiv stima dettaljata tax-xogħol ta' *resurfacing* li ser isir fi Triq il-Marżebb liema spiża mistenni tammonta għal madwar €58,750. is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat illi s-sejħa għall-offerti kienet ser tinħareġ fil-ġimgħa li ġejja.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Agius talab li temporanjament isir *patching* ta' ħofor kbar li hemm fi Triq il-Marżebb.

Is-Sur Agius ippropona li ssir kompetizzjoni ta' tpinġija u oħra ta' l-aħjar komponimenti għat-tfal ta' bejn it-8 u t-12 il-sena u li huma residenti St Peter's. It-tema taż-żewġ kompetizzjoniet għadha tkun l-*Ambjent fir-Raħal Zgħir ta' St Peter's*.

Is-Sur Agius semma l-ħtieġa li tinħareġ il-kurduna ftit il-barra fil-bidu ta' Triq San Leonardu biex jiġi evitat il-periklu li qed jinħoloq għar-residenti ta' din il-parti tat-triq minħabba sewqan eċċessiv.

Ic-Chairperson qalet li fi Triq Victor Cauchi l-iscammel mhux qed jidħol b'mod regolari fit-triq bil-konsegwenza li r-residenti qed joħorġu l-iskart fil-kantuniera tat-triq. Ic-Chairperson talbet li tintbgħat ittra lir-residenti biex il-boroz tal-iskart ma' jinħarġux fil-kantuniera izda jitħallew quddiem kull bieb biex l-iskart jinġabar minn quddiem kull residenza.

Ic-Chairperson tkellmet dwar il-laqgħa li saret mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali flimkien mal-MEUSEC dwar il-fondi tal-Unjoni Ewropeja u li għaliha kienet attendiet flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Bartolo semma l-possibilta' li rapprezentanti mill-Kumitat jiltaqgħu mal-MEUSEC biex jaraw jekk hux possibli li jingħataw fondi biex tiġi organizzata serata kulturali f'St Peter's. Is-Sur Bartolo ppropona li l-membri tal-Kumitat Amministrattiv jagħmlu kuntatt mal-uffiċjali tal-MEUSEC biex tiġi diskussa din il-possibilita'.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.20 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-28 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 13 ta' Ġunju, 2012.

Maria Elena Debattista
*Chairperson*